MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Numru. 242/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Anthony Azzopardi ta' 45 sena bin Nicholas u Concetta nee' Mizzi imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru 1965 u joqghod Dhalia Vjal Santa Lucija Rahal il-Gdid u detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 485565(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Anthony Azzopardi akkuzat talli nhar ii-08 ta' Frar 2009 ghal habta tal-4:15p.m.u hinijiet qabel waqt li kien fi Sqaq Xewk Rahal il-Gdid:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dana il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe' ta'

offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Salvatore Azzopardi minn Marsaskala.

2. Talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe’offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Salvatore Azzopardi minn Marsaskala skond ma ccertifika Dr. M.S. Caruana Reg. Nru 2069 mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal il-Gdid.

3. Talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi saq vettura tal-marka Kia numru tar-registrazzjoni BBI969 b’manjiera perikoluza.

4.Talli fl-istess cirkustanzi saq vettura tal-marka Kia numru ta’ registrazzjoni BBI969 b’giri aktar milli jmissu.

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza arma irregolari fuq il-persuna ta’ Salvatore Azzopardi minn Marsaskala.

6.Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni u il-paci pubbliku b’ghajjat u glied.

7.Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Salvatore Azzopardi minn Marsaskala sabiex jingurjah, idejqu jew ighamillu hsara.

8. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ghamel lil Salvatore Azzopardi mill-Marsaskala ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat ingurja b’mod li hareg aktar milli imissu.

9. B’hekk irrenda ruhu recidiv ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja tas-17 ta’ Marzu 2009.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

L-imputat jinsab akkuzat principalment bir-reat ta’ tentattiv ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ huh Salvatore Azzopardi. Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta’l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. **“Jekk l-intenzjoni ta’l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’l-ghemil tieghu.”** (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f’dana it-tip ta’ reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta’ offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: **“*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*” (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid “*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo.*”**

Illi ukoll f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta’ Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"**Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi**. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:
**"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.*"**

U ikkonkludiet: **"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."**

Illi maghmul dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk tistax tirrizulta htija ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta'l-imputat. Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta'l-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jinhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi sfortunatament, (u il-Qorti tissottolinja il-kelma sfortunatament, billi hawn si tratta ta' zewg ahwa), bejn l-imputat u l-parti leza hemm certa animosita'. Fil-fatt jidher illi l-imputat ilu zmien ma ikellem lil huh Salvu u lil hutu l-ohra minhabba xi kwistjoni dwar xi raba' tal-familja. Illi minn dak li jixhdu l-ahwa kollha, jidher illi kienu isiru rapporti ta' sikwit fejn anke kienu jinzlu il-pulizija fuq il-post minhabba glied kontinwu li kien jinqala' bejniethom u cioe' bejn l-imputat u hutu. Illi fil-jum ta'l-incident mertu tal-kawza fil-post fejn l-ahwa ghandhom dina ir-raba gewwa Rahal il-Gdid kien hemm Rita Bonnici u zewgha li flimkien mar-ragel ta' ohtha kienu qed jizbru xi sigar. Jidher illi fuq il-post vicin il-kamra tieghu, kien hemm

l-imputat. F’xi hin nizzlu ukoll Salvu Azzopardi flimkien mas-siehba tieghu Josette Gera . Jidher illi dina Gera kienet tibza’ mill-klieb u hekk kif wasslu u Salvu induna li l-kelb ta’l-imputat kien qieghed jiggerra barra, huwa nizel mill-vettura tieghu u mar jaqflu b’cinga. F’dana il-mument hareg l-imputat mill-kamra u ma hax pjacir illi huh kien ghamel dana u ghalhekk huwa irrabja ghalih. Minn hawn jidher illi sar xi diskors bejniethom u spiccaw gew fl-idejn tant illi it-tnejn li huma sofrew griehi hfief. Jidher illi f’dina it-taqtiegha intervjeniet ohthom Rita u filwaqt illi l-imputat dar u telaq lejn il-kamra tieghu, Salvatore u ohtu irhewlha fid-direzzjoni fejn kienet ipparkeggjata il-vettura ta’ Salvu. Kif wasslu hdejn il-vettura, Salvu pogga bil-qieghda b’saqajh ‘il barra mill-vettura u bil-bieba miftuha u ohtu qaghdet bil-wieqfa hdejh. F’daqqa u il-hin huma osservaw lill-imputat hiereg mill-kamra, rikeb fil-vettura tieghu, ghaqqad ir-roti u b’velocita eccessiva osservawh gej fid-direzzjoni taghhom. Hawnhekk Salvu qam jigri u ghalaq il-bieba tal-vettura u flimkien ma’ ohtu marru wara il-vettura tieghu, vicin il-bagolll. Dana ghamluh ghax bassru illi l-imputat ma kienx ighaddi bil-bieba miftuha u bihom fin-nofs. Jidher izda illi hekk kif l-imputat avvicina lil Salvu, minflok baqa’ sejjer ghad-dritt huwa kiser ghal fuq huh. Salvu b’reazzjoni ghal dan qabez ghal fuq il-bonnet tal-vettura ta’l-imputat. Jidher illi l-imputat tefa’ il-vettura u Rita Bonnici flinkien ma’ zewgha Coronato marru bil-wieqfa mal-bieba tal-vettura fejn kien l-imputat sabiex jimpeduh milli johrog mill-vettura u jagreddiehom. Hawnhekk wasslu il-pulizija u is-sitwazzjoni ikkalmat.

L-imputat meta jixhed quddiem il-Qorti jichad illi huwa ipprova isuq ghal fuq huh, izda ighid illi huwa dahal fil-vettura bl-intenzjoni li jitlaq minn fuq il-post u imur jaghmel rapport lill-pulizija. Ighid illi kif wasal vicin huh huwa induna li ma kienx ser ighaddi minhabba li kien hemm huh flimkien ma’ ohtu vicin il-vettura ta’ huh bil-bieba miftuha u ghalhekk saq il-karrozza ghal genb u tfieha. Jikkontendi illi imbaghad kien huh Salvu li qabez fuq il-bonnet tal-vettura tieghu u imbaghad tela’ sahansitra fuq is-saqaf ta’l-istess vettura u beda jaqbez fuqha tant illi ikkagunalu hsara kbira fil-vettura tieghu. Bhala prova ta’ dana huwa ezebixxa sett

ritratti kif ukoll survey report rilaxxjat mis-surveyor Philip Zammit, liema rapport gie ikkonfermat mill-istess Zammit.[1]

Illi l-Qorti madanakolu tosserva illi kemm *a tempo vergine* kif ukoll fl-istqarrija rilaxxjata mill-pulizija, l-imputat jaghti verzjoni kemmxejn differenti ta' x'kienet l-intenzjoni tieghu. Ma hemmx dubbju illi f'dana il-mument l-imputat kien irrabjat ghal huh Salvatore wara l-argument li kien inqala' bejniethom. Fil-verzjoni li jaghti lis-surgent 100 Terence Azzopardi huwa stqarr li **"waqt li kien fil-kamra tieghu gie huh Salvu Azzopardi li rabatlu l-kelb. Stqarr li hu hareg mill-kamra u qallu 'ghalfejn irbattha'. Stqarr li hawnhekk huh Salvu mar ghalih u qallu: 'ara ma tahsibx li lili ser tghamilli bhal huti, jiena niflah ghal ghaxra bhalek'** u ta daqqa ta' sieq lil kelba. Stqarr li dak il-hin gew fl-idejn u Anthony stqarr li dahal fil-vettura tieghu u saq lejn id-direzzjoni ta' huh biex ibezzghu. Stqarr li zamm brake hdejn huh u Salvu qabez fuq il-vettura u beda jaghtiha kemm jiflah bil-ponn."[2] Fl-istqarrija tieghu imbaghad huwa ighid: **"jien iddispjacini, dhalt fil-karozza tieghi KIA No. BBI969 u soqt biex nitlaq minn hemm, il-passagg hu dejjaq u ohti u hija kienu f'nofsu. Jiena soqt normali u ghidt f'qalbi x'ser naghmel! U gbidt ghal mal-genb. Hija gie jigri hdejja u qabad jaghti bil-ponn fuq il-windscreen u fuq il-hgieg, u tela' bil-wieqfa fuq il-bonnet u ghal fuq is-saqaf …"[3].**

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma temminx lill-imputat meta ighid illi l-intenzjoni tieghu kienet illi jibqa' tielgha dritt u jitlaq 'l hemm u ghalhekk lanqas jitwemmen l-imputat meta ighid illi huwa kiser ghal genb ghax induna li ma setax ighaddi. Dina il-verzjoni ma taghmilx sens. Illi l-Qorti temmen illi l-imputat f'dak il-hin kien irrabjat hafna u meta hareg mill-kamra sabiex jirkeb il-vettura tieghu biex jitlaq minn fuq il-post huwa ra lil huh u ghalhekk b'velocita eccessiva saq ghal fuqu. Madanakollu kif wassal vicin huh huwa irrealizza x'kien ser jaghmel u ghalhekk iddesista mill-azzjonijiet tieghu u tefa il-vettura. Jidher illi huh Salvatore hekk kif ra dina il-vettura gejja fid-direzzjoni

[1] Ara Dokument AA1 a fol.118 u 119 tal-process.

[2] Ara rapport Dokument SZ1 a fol.18

[3] Ara stqarrija ta'l-imputat Dokument SZ3 a fol.21 u 22.

tieghu bhala reazzjoni istantanja telgha fuq il-bonnet, izda tant kien irrabjat ukoll ghal dina l-azzjoni ta’ huh illi beda jaghti fuq il-vettura bil-ponn tant illi ikkaguna hsara kbira lil dina il-vettura. Illi mir-rapport tas-surveyor jidher car illi l-vettura sahansitra ghandha daqqa kbira fuq is-saqaf u ghalhekk ma hemmx dubbju illi bir-rabbja Salvu sahansitra telgha fuq is-saqaf u beda jaghti fuqu ukoll. Dana huwa ikkonfermat minn dak illi tghid Rita Bonnici fix-xhieda taghha: “smajt lil hija (b’referenza ghal Salvu) qed jaghti xi daqqiet fuq il-karozza bid-daghdiha li kellu, izda hija ma nafx fejn tahom dawn id-daqqiet.”

Minn dana kollu ghalhekk jirrizulta indubbjament ippruvat illi ghakemm bir-rabbja li kellu f’dak il-mument l-intenzjoni ta’l-imputat meta huwa saq il-vettura fid-direzzjoni ta’ huh kienet illi jaghmillu offiza gravi, izda huwa iddesista mill-azzjonijiet tieghu volontarjament  u kwindi hawnhekk hawn kaz kalssiku ta’ tentattiv ta’ reat kif ikkontemplat fl-artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’Salvatore Azzopardi. Illi mill-provi akkwiziti dina l-akkuza hija indubbjament wahda fondata billi ma hemmx dubbju minn dak li jistqarr l-imputat stess illi huwa laqat lil huh Salvatore meta spiccaw gew fl-idejn u  ikkagunalu il-feriti ta’ natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Mariella Caruana.[4] Illi l-Qorti madanakollu hija tal-fehma illi imputat ghandu jibbenifika mill-iskriminanti tal-provokazzjoni a tenur ta’l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali “illi f’nies ta’ temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt.” Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta’ temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta’ temperament ordinarju. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta’

[4] Ara Dokument SZ2 a fol.20 u ix-xhieda ta’l-istess tabiba a fol.54

Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

**"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk**: ***"la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*** (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Illi f'dana il-kaz il-Qorti tistqarr illi ghalkemm l-partijiet involuti f'dana l-incident jitfghu l-htija fuq xulxin ghar-rigward ta' dak kollu li sehh ma hemmx dubbju illi l-imputat gie ipprovokat minn huh meta huwa mar sabiex jaqfillu il-kelb minghajr lanqas biss tallbu permess u iktar tard meta huwa taha daqqa ta' sieq lill-istess kelb. Kienet dina l-unika raguni 'il ghala iz-zewg ahwa spiccaw jargumentaw u fl-ahhar mill-ahhar gew fl-idejn. Il-Qorti ma tistax tqies dana l-incident bhala wiehed isolat, izda irid jittiehed fil-kuntest tar-retroxxena shiha ta' glied u animosita li hemm bejn l-imputat u hutu, fejn anke l-icken azzjoni tissarraf

f'provokazzjoni. L-Qorti hija tal-fehma illi l-parti leza messu iddesista milli imiss il-klieb ta' huh u mhux jiddeciedi minn jeddu illi l-kelb ghandu jinqafel meta dan ma kienx tieghu, iktar u iktar meta kien jaf ben tajjeb li hemm dawn il-problemi kbar fil-familja tieghu. Huwa ghalhekk messu induna illi l-azzjoni tieghu kienet ser isservi biss bhala provokazzjoni u xejn iktar u ghalhekk jekk ried jevita l-incident messu jew waqqaf il-vettura tieghu band'ohra jew jekk dan ma kienx possibbli jitlaq minn fuq il-post biex jevita l-inkwiet!

Illi dwar l-akkuzi li jaqghu taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm il-Qorti temmen illi is-sewqan ta'l-imputat kien wiehed perikoluz u l-istess saq il-vettura b'velocita excesiva ghal post fejn kien jinsab, madanakollu dana is-sewqan ma jistax jigi ikkalsifikat bhala xi sewqan perikoluz hafna stanta illi meta l-imputat iddecieda li jiddesisti mill-azzjonijiet tieghu, huwa irnexxielu iwaqqaf il-vettura tieghu fil-pront minghajr ma ikkaguna l-ebda hsara ulterjuri. Kwindi fic-cirkostanzi l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ma hijiex idonja.

Illi l-imputat jinsab akkuzta ukoll li uza arma irregolari fuq il-persuna ta' huh Salvatore Azzopardi. Illi l-ligi taghmel distinzjoni bejn dawk illi huma armi regolari u dawk irregolari fl-artikolu 64 tal-Kodici Kriminali fejn jinghad:

64. ***(1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.***

***(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jigu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari.***

Illi mill-qari ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi ma jirrizultax illi f'xi hin l-imputat uza xi arma irregolari fil-konfront ta'huh. Il-vettura misjuqa minnu certament ma tistax titqies bhala arma irregolari kif ikkontemplata fil-ligi.

Illi dwar l-akkuzi ta' natura kontravvenzjonali dawna jirrizultaw ippruvati izda fid-dawl ta' dak hawn fuq dispost u ma hemmx dubbju illi is-seba u it-tmien akkuzi huma assorbiti fl-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Illi finalment dwar l-akkuza tar-recidiva, ma hemm l-ebda prova fl-atti dwar l-istess, oltre ghal fedina penali ta'l-imputat minn fejn jirrizulta illi l-imputat kien gie misub hati ta' kontravenzjonijiet u kwindi l-artikolu 50 ma japplikax f'dana il-kaz.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora is-sitwazzjoni sfortunata li tezisti bejn l-imputat u il-familja tieghu. Il-Qorti tittama illi dina il-familja tirrealizza illi l-glied u l-argumenti ma huma ser isolvu l-ebda problema li hemm bejniethom, liema problemi jistghu jigu sorvolati biss bil-kelma it-tajba. Inoltre l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat gie ipprovokat u ghalhekk ghandu japplika dak dispost fl-artikolu 231 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(b), 215, 221(1), 222(1)(a), 227(c), 230(b)(c), 231(2), 338(dd), 339(1)(d)(e) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza kif dedotta u mill-hames akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda issibu hati ta' tenttaiv ta' offiza gravi ai termini ta'l-artikolu 41(1)(b), kif ukoll tat-tieni akkuza bl-iskriminanti tal-provokazzjoni, u tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' mitt ewro(€100).

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien sena mil-lum sabiex izomm il-paci ma' huh Salvatore Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------